31999D0610

14.9.1999 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 242/29

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-10 ta' Settembru 1999

## li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dokument mibgħut għal eżami ddettaljat bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli ta' L 91105D (carvone) fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għal pjanti

*(notifikata taħt id-dokument numru C(1999) 2799)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(1999/610/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għal pjanti ([1]) kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/1/EC ([2]) u b'mod partikulari l-Artikolu 6(3) tagħha,

(1) Billi d-Direttiva 91/414/KEE (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "id-Direttiva") ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista tal-Komunità ta' sustanzi attivi awtorizzati għal inkorporazzjoni fi prodotti ta' protezzjoni għal pjanti.

(2) Billi applikant bagħat dokument għal sustanza attiva lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bil-ħsieb li tinkiseb l-inklużjoni tas-sustanza attiva fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva.

(3) Billi dokument għas-sustanza attiva L91105D (carvone) kien intbagħat minn Luxan BV lill-awtoritajiet Olandiżi fis-26 ta' Marzu 1997.

(4) Billi l-awtorità msemmija wriet lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ewwel eżami tal-kompletezza tad-dokument fir-rigward tal-ħtiġiet tat-tagħrif u l-informazzjoni li jipprovdi għalihom l-Anness II u, mill-inqas għal prodott wieħed ta' protezzjoni għal pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva; billi sussegwentement, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), id-dokument kien intbagħat mill-applikant lill-Kummissjoni u l-Istati Membri oħra.

(5) Billi dokument għal L91105D (carvone) kien riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Ġunju 1999.

(6) Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ li jkun ikkonfermat fil-livell tal-Komunità li kull dokument għandu jitqies bħala li jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġiet tat-tagħrif u l-informazzjoni li jipprovdi għalihom l-Anness II u, mill-inqas prodott wieħed ta' protezzjoni għal pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata, fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva.

(7) Billi informazzjoni bħal dik hija meħtieġa biex wieħed isegwi l-eżami dettaljata tad-dokument kif ukoll jagħti lill-Istati Membri l-possibbilità li jagħtu awtorizzazzjoni provviżorja għal prodotti ta' protezzjoni għal pjanti li fihom din is-sustanza attiva b'rigward debitu għall-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b'mod partikulari l-kondizzjoni li ssir stima dettaljata tas-sustanza attiva u l-prodotti ta' protezzjoni għal pjanti fir-rigward tal-ħtiġiet tad-Direttiva.

(8) Billi Deċiżjoni bħal dik ma tippreġudikax li jintalab aktar tagħrif u informazzjoni lill-applikant fejn ikun jidher matul l-eżami ddettaljat li dik l-informazzjoni jew tagħrif huma meħtieġa biex tittieħed Deċiżjoni.

(9) Billi huwa mifhum bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li l-Olanda għandha ssegwi l-eżami ddettaljat għad-dokument għal L91105D (carvone).

(10) Billi l-Olanda għandha tirrapporta l-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet tagħha akkumpanjati minn kull rakkomandazzjonijiet dwar l-inklużjoni jew non-inklużjoni u kull kundizzjonijiet relattati magħhom lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr u l-aktar tard fi żmien perjodu ta' sena; billi wara r-riċeviment ta' din l-istima ta' evalwazzjoni l-eżami ddettaljat għandu jissokta bil-kompetenza mill-Istati Membri kollha fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar s-Saħħa tal-Pjanti.

(11) Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-dokument li ġej jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġiet ta' tagħrif u informazzjoni li jipprovdi għalihom l-Anness II u, mill-inqas għal prodott wieħed ta' protezzjoni għal pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III mad-Direttiva, filwaqt li jingħata kont ta' l-użi proposti:

([1]) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 21, tat-28.1.1999, p. 21.

1. Id-dokument mibgħut minn Luxan BV lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb ta' l-inklużjoni ta' L 91105D (carvone) bħala sustanza attiva fl-Anness I li jinsab mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien referut lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fl-10 ta' Ġunju 1999.

*Artikolu 2*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Settembru 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*